MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2004

Appell Civili Numru. 825/1997/1

**Avukat Dottor Louis Galea**

**v.**

**Frans Ghirxi bhala editur tal-gurnal l-Orizzont u John Agius, gurnalista ta' l-istess gurnal**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Il-kawza titratta azzjoni ta’ libell skond l-Artikolu 28 tal-Ligi ta’ l-Istampa (Kap. 248). L-attur ilmenta minn artiklu li deher fil-gazzetta “L-Orrizont” ta’ nhar it-Tlieta 15 ta’ April 1997 bit-titlu *“Hsibt li l-Mahfra ta’ Queiroz Kienet Parti mir-Riforma fil-Habs – l-ex Ministru Louis Galea”*.

L-attur ippremetta li permezz ta’ dan ir-rapport huwa nghata malafama li tesponih ghad-disprezz tal-pubbliku u ghar-redikolu u li taghmel hsara ghar-reputazzjoni tieghu. Kompla jippremetti (fid-dikjarazzjoni guramentata annessa mac-citazzjoni) li huwa qatt ma qal il-kliem li gie kkwotat li qal, u li l-artiklu, fil-kumpless tieghu, ihalli “impressjoni falza u mhux veritjiera fil-qarrej u jatribwixxi hwejjeg foloz fil-konfront ta’ l-attur b’mod li jimminaw ir-reputazzjoni tieghu kemm personali kif ukoll ghall-operat tieghu meta kien ministru responsabbli mill-intern u jesponuh ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku.” L-attur talab il-likwidazzjoni u hlas ta’ danni f’ammont li ma jeccedix is-somma ta’ hamest elef lira Maltija (Lm5,000) u dan b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28 tal-Att dwar l-Istampa.

Il-konvenuti eccepew hekk:

“1. Illi dan ma kienx kaz ta’ ingurja izda ta’ Law Report zbaljat li dwaru (fuq rapport ta’ l-attur odjern) kien [**recte:** kienet] giet intavolata kawza Citaz 1189/97/GDC *Registratur tal-Qorti v. John Agius et* li tinsab differita ghas-sentenza ghad-29 ta’ Mejju, 1998.

“2. Illi hu kaz li l-kawza odjerna tintbaghat quddiem din il-Qorti presjeduta mis-S.T. l-Imhallef Dr. Giannino Caruana Demajo.

“3. Illi appena ndunaw bl-izball l-eccipjenti kienu pronti rriproducew ix-xhieda [**recte:** xiehda] tal-attur fl-interezza taghha. Kopja ta’ din tinsab ezibita fl-atti tac-citaz. 1189/97/GCD sucitata.

“4. Illi naturalment l-eccipjent Frans Ghirxi qaghad fuq ir-rapport imwassal lilu mir-*reporter* tieghu u b’ebda mod qatt ma jista’ xi hadd jatribwilu xi *animus injuriandi.*

“Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.”

**Sentenza ta’ l-Ewwel Qorti**

B’sentenza moghtija fit-30 ta’ Marzu 2001, il-Prm Awla tal-Qorti Civili ddikjarat li l-pubblikazzjoni fl-ewwel faccata tal-harga tal-gurnal L-Orrizont ta’ nhar it-Tlieta, 15 ta’ April 1997 taghti malafama lill-attur, u kkundannat lill-konvenut Frans Ghirxi biex ihallas lill-attur is-somma ta’ mitt lira (Lm100) bhala danni u lill-konvenut John Agius is-somma ta’ erba’ mitt lira (Lm400), u dan wara li kkunsidrat is-segwenti:

“Il-fatti ta’ dan il-kaz graw hekk: l-attur kien imsejjah bhala xhud fil-kawza fl-ismijiet **Dr Joseph Fenech** *versus* **Louis Cauchi** *et* (citaz. 1555/94) u kien ta x-xiehda tieghu fl-14 ta’ April 1997. Fix-xiehda tieghu l-attur semma *memorandum* li kien wasallu minghand il-President tar-Repubblika dwar il-procedura fil-kaz ta’ petizzjonijiet li jsiru lill-President tar-Repubblika ghal mahfra.

Dwar dan il-*memorandum* l-attur kien qal hekk inter alia:

Minnu li l-*memorandum* isemmi wkoll in partikolari u specifikatament il-kaz ta’ Francesco Assis Queiroz, pero` ghandi nghid li dwar dan il-kaz partikolari ma ghamilt xejn. Ghandi nghid li ghar-rigward tal-kaz partikolari ta’ Queiroz jiena ma ghamilt ebda reazzjoni: jiena hadtha li din kienet referenza *en passant* fil-*memorandum*, u li ikkoncentrajt dwar li niehu pariri mill-ufficjali tieghi ghar-rigward tal-*memorandum* fit-totalita` tieghu.

… … …

Ghandi nghid illi jiena kont hadt ukoll dan il-*memorandum* fil-kontest ta’ varji riformi li kienu saru u li kienu ghadhom qed isiru fil-habs.

Xehed ukoll dwar dak li kien qed isir fil-habs minhabba problema ta’ mard li jittiehed, u qal li kienu saru *tests* fuq xi prigunieri u li dawk li kienu morda kienu jinzammu mifrudin mill-prigunieri l-ohra.

Fil-harga tal-ghada, 15 t'April, 1997, ta' *L-Orizzont*, din ix-xiehda ta' l-attur issemmiet fl-ewwel pagna f'artikolu bl-isem "**HSIBT LI L-MAHFRA TA' QUEIROZ KIENET PARTI MIR-RIFORMA FIL-HABS – L-*ex*-Ministru Louis Galea".** L-artikolu jibda billi jqieghed f'halq l-attur dan il-kliem:

"Jien kont tal-fehma li l-*memorandum* li recevejt minghand il-President ta' Malta dwar il-mahfra tal-Braziljan Francesco de Assis Queiroz kienet parti mir-riforma li kienet qed issir fil-habs. Kien ghalhekk li l-*memorandum* ma irreferejtu lil hadd".

L-artikolu jkompli jghid illi meta l-attur ircieva l-*memorandum* kienet inbdiet hidma bilaterali biex jara kienx hemm prigunieri maltin fil-Brazil u ssir bidla bejniethom, u li dan sar minghajr ma l-attur, qabel, qal lill-ministri tal-Kabinett x'kien qed jigri.

Billi hu ma kienx xehed dak li ngieb fuq il-gurnal bhala rapport fuq ix-xiehda tieghu, l-attur dak in-nhar stess hareg stqarrija ghall-istampa u ghax-xandir biex juri fejn ir-rapport kien hazin. Il-konvenuti, malli raw li kienu ghamlu rapport hazin, gabu fuq il-gazzetta x-xiehda shiha li kien ta l-attur biex hekk inaqqsu l-hsara li kienet saret lill-attur.

Fil-fatt il-konvenuti ma humiex qeghdin jichdu li r-rapport taghhom kien zbaljat.

Naturalment, il-fatt biss li r-rapport kien zbaljat ma jfissirx bilfors li kien jaghti malafama lill-attur. Fil-kaz tallum, izda, ir-rapport jaghti lil min jaqrah x'jifhem li kien hemm xi *mismanagement* u nuqqas ta' komunikazzjoni min-naha ta' l-attur li wasslet biex inghatat mahfra lil prigunier barrani. Barra minn hekk, meta tghid li l-attur ghamel zball hekk banali li haseb illi mahfra lill-prigunier partikolari kienet parti minn riforma generali tal-habs tkun qieghed tohloq is-suspett illi ma kien zball xejn izda kien hemm xi ghanijiet ulterjuri mistura. Dan jaghmel il-malafama aktar serja, aktar u aktar meta tqis li l-kliem tqieghed f'halq l-attur stess u mhux bhala kumment ta' min kiteb l-artikolu.

Huwa wkoll, izda, relevanti l-fatt illi, hekk kif saru jafu li kienu ghamlu rapport hazin, il-konvenuti mill-ewwel hadu passi biex jistqarru l-izball taghhom u biex il-hsara ma tkomplix tinxtered.

Ghal dawn ir-ragunijiet, u wara li qieset il-fatturi kollha migjuba hawn fuq, il-qorti tillikwida d-danni li ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut Frans Ghirxi fis-somma ta' mitt lira (Lm100), u dawk li ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut John Agius fis-somma ta' erba' mitt lira (Lm400)."

**Appell**

Minn din is-sentenza intavola appell il-konvenut Frans Ghirxi biss. L-aggravji ta' l-appellant huma, bazikament, tlieta u cioe`:-

(A) Li element essenzjali ta' libell huwa l-*animus injuriandi*, li f'dan il-kaz, skond l-appellant, ma kienx jezisti, u dan peress li hu, bhala l-editur, ma kellux ghalfejn jahseb li l-konvenut l-iehor (John Agius) ma kienx ressaqlu ghall-pubblikazzjoni rapport li ma kienx akkurat.
(B) L-artikolu kien jikkonsisti f'rapport ta' dak li kien inghad fil-kors tas-smigh ta' kawza fil-Qorti. Skond l-appellant *"Rapport bhal dan hu privileggjat skond l-Art. 33 tal-Ligi ta' l-Istampa. Il-kategoriji ta' stampati hekk privileggjati xi drabi hu presuppost li fihom innifishom jistghu jkunu inaccettabbli, skorretti jew anke ngurjati* [**recte:** ingurjuzi] *izda minhabba l-privilegg (ghax il-Legislatur iqis l-interess pubbliku oghla minn interessi privati ohra) ma tistax tittiehed azzjoni dwarhom darba l-pubblikazzjoni tkun bona fide"*.
(C) Kif irrizulta li sar zball, minnufih giet ippubblikata x-xiehda kollha li nghatat mill-appellat.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

1. Bhala fatt ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li dak li gie rappurtat fil-gazzetta *L-Orizzont* fil-harga tal-15

ta' April, 1997 riferibbilment ghal dak li l-appellat kien xehed fil-Qorti l-gurnata ta' qabel ma kienx korrett. Anqas proprjament hemm kontestazzjoni li l-kontenut ta' l-istess rapport kien malafamanti, fis-sens li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni ta' l-appellat l-Avukat Dott. Louis Galea. Dak li qed jigi kontestat hu, bazikament, li galadarba l-appellant – li kien l-editur tal-gazzetta in kwistjoni – kien baghat gurnalista ta' esperjenza biex jirraporta dwar il-kaz li kien qed jinstema' l-qorti, l-istess editur ma kellu ebda raguni jiddubita mill-korrettezza tar-rapport li pprezentalu dan il-gurnalista, b'mod ghalhekk li gie nieqes fih (cioe` fl-editur, l-appellant odjern) l-*animus injuriandi*. L-appellant jittanta jsahhah l-argument tieghu f'dan ir-rigward billi jirreferi ghall-Artikolu 33(d) tal-Kap. 248 li jipprovdi li ma tista' tittiehed ebda azzjoni dwar, *inter alia*, *"…(d) pubblikazzjonijiet ta' rapporti ta' procedimenti f'qorti tal-gustizzja f'Malta, kemm-il darba dawk ir-rapporti jkunu rapporti gusti tal-procedimenti…"*.

2. Jibda biex jinghad li l-appellant f'dan il-kaz ma jista' jigbed ebda argument minn, jew b'xi mod jistrieh fuq, il-"privilegg" kontenut fl-imsemmija disposizzjoni, cioe` fl-Artikolu 33(d). Il-pubblikazzjoni altrimenti malafamanti ma tkunx azzjonabbli biss meta ir-rapport tal-procedimenti fil-qorti jkun wiehed "gust" ("fair" fit-test Ingliz tal-ligi). Biex rapport ta' procedimenti fil-qorti jkun wiehed gust fis-sens tal-ligi, ma hemmx ghalfejn li dan jirriproduci kelma b'kelma dak li jkun inghad; huwa bizzejjed li <u>sostanzjalment</u> ikun korrett. Kif jinghad f'**Gatley on Libel and Slander**, Sweet & Maxwell (London) 1981:

**"It is not necessary that it should be verbatim; an abridged or condensed report will be privileged, provided it gives a correct and just impression of what took place in court. It is sufficient to publish 'a fair summarised account'. 'The privilege – a valuable privilege for the public – of publishing reports of proceedings in courts of justice, would be useless if it were necessary to set out every word of the evidence and of the speeches and of what was said by the judge…that is not necessary; if what is stated is *substantially* a fair account of what took place, there**

**is an entire immunity for those who publish it'. If the whole report is a substantially accurate account of what took place, the fact that there are a few slight inaccuracies or omissions is immaterial. A report in a daily newspaper is 'not to be judged by the same strict standard of accuracy' as a 'report coming from the hand of a trained lawyer'. 'Unless a fair and reasonable latitude is given there would be no safety in reporting the proceedings in courts of justice'. 'It would be impossible to exercise the privilege of reporting if every trifling slip in a report deprived it of privilege'. But where the inaccuracy is of a substantial kind, the report is not privileged although the publisher exercised reasonable care and diligence in endeavouring to ascertain the facts, and though the mistake was an honest mistake. A report of judicial proceedings which states that counsel said things which were not said at all is not a fair and accurate report. And although a fair and accurate report of the statement of a witness in the witness-box is privileged even if the statement is afterwards shown to be false, the report is not privileged where the false statement is not attributed to the witness but stated as a fact." [1]**

3. Fil-kaz in dizamina, hu evidenti li ma jistax jinghad li r-rapport, imhejji minn Agius, kien wiehed gust. Dan pogga f'halq l-appellat, allura attur, kliem "in direct speech" li huwa qatt ma qal, u jatribbwilu diskors iehor (li wkoll ma ntqalx minnu) li meta wiehed jaqrah fil-kuntest tal-kontroversja dwar il-mahfra lil Francesco de Assis Queiroz wiehed ragnonevolment jikkonkludi (kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata) li kien hemm "*mismanagement* u nuqqas ta' komunikazzjoni min-naha ta' l-attur li waslet biex inghatat mahfra lil prigunier barrani". U dik il-Qorti gustament kompliet tosserva li "…meta tghid li l-attur ghamel zball hekk banali li haseb illi mahfra lil prigunier partikolari kienet parti minn riforma generali fil-habs tkun qieghed tohloq is-suspett li

[1] Paras. 604 – 606, pp. 257 – 259.

ma kien zball xejn izda kien hemm xi ghanijiet ulterjuri mistura". Fil-fatt anke l-konvenut Frans Ghirxi stess jammetti, ghalkemm indirettament, li r-rapport kien sostanzjalment skorrett, ghax kieku ma kienx hekk ma kienx jiehu l-izbriga li jippubblika rettifika b'tali mod li rriproduca x-xiehda kollha, cioe` kelma b'kelma, li l-attur kien effettivament ta fil-qorti (ara d-deposizzjoni tal-appellat, allura konvenut, quddiem l-ewwel Qorti, ta' l-24 ta' Novembru, 2000). Ghalhekk ma tidhol ebda kwistjoni hawnhekk ta' xi privilegg taht l-Artikolu 33(d) imsemmi.

4. Huwa appena neccessarju jinghad li l-fatt li sussegwentement giet ppublikata fl-istess gurnal id-deposizzjoni intiera ta' l-attur bhala forma ta' rettifika, ma jeskludix lil dak li jkun mir-responsabbilta`. A skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha tat-18 ta' Frar, 1946 fl-ismijiet ***The Hon. Albert V. Bartoli v. Albert J. Semini et*** (Kollez. Vol. XXXII.i.350), kif ukoll ghas-sentenza, ukoll ta' din il-Qorti, tat-22 ta' Lulju, 1985 fl-ismijiet ***L-Onor. Dr Guze` Cassar v. It-Tabib Dr Joseph sive Josie Muscat et***. Effettivament anke l-ligi stess – l-Artikolu 28(2) tal-Kap. 248 – jaghmilha cara li fejn il-konvenut ikun offra jew ta apologija, dan il-fatt jista' jservi biss ghal tnaqqis ta' danni. L-istess jinghad ghall-kaz meta wiehed ikun ezercita d-dritt tieghu ta' risposta skond l-Artikolu 21 tal-Kap. 248 – is-subartikolu (5) ta' l-imsemmi Artikolu 21 jipprovdi specifikatament li *"Il-pubblikazzjoni ta' kull dikjarazzjoni kif mehtiega b'dan l-artikolu jew xi piena bis-sahha tieghu ma jnehhux il-jedd li tittiehed xi azzjoni ohra taht dan l-Att".*

5. Pero` l-appellant qed jargumenta wkoll li l-fatt li huwa serrah rasu ghax kien baghat gurnalist ta' esperjenza kif ukoll il-fatt li ghamel rettifika, juri bic-car li ma kienx hemm fih l-*animus injuriandi*. Issa, apparti li kif gie ritenut fil-gurisprudenza, tista' tghid kostanti, tal-qrati taghna, meta si tratta ta' kliem li huma fihom infushom ingurjuzi, l-*animus injuriandi* huwa prezunt[2], l-appellant

[2] Ara, *inter alia*, ***Avukat Dottor Tonio Azzopardi v. Victor Aquilina et*** Qorti ta' l-Appell, 27/6/2003. Fl-fehma ta' din il-Qorti il-kliem, b'referenza ghall-kelma "malafama" fl-Artikolu 28(1), *"...li l-ghan taghha jkun li tellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' xi persuna..."* (fit-test Ingliz *"...the object of which is to take away or injure the reputation*

qieghed jippretendi li ghax deherlu li l-artikolu kien kopert bil-privilegg, allura necessarjament ma kienx hemm fih l-*animus injuriandi*. Din il-Qorti assolutament ma tistax issegwi l-logika li qed jipproponi l-appellant. Huwa kien jaf li l-artikolu kif riportat fil-gurnal kien malafamanti proprju ghax kien itellef jew inaqqas ir-reputazzjoni ta' l-Avukat Dottor Louis Galea, u dan <u>irrispettivament minn jekk dik il-pubblikazzjoni kienitx azzjonabbli o meno in vista ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 33</u>. Huwa semplicement haseb li dak ir-rapport kien wiehed "gust" ta' dak li effettivament kien intqal fil-qorti. Irrizulta, pero` li dan ma kienx hekk – zball ta' fatt, dan, li ma jaghmilx il-pubblikazzjoni anqas ingurjuza, izda li semplicement jipprivaha mill-"privilegg" kif aktar 'l fuq spjegat. Konsegwentement il-kwistjoni ta' l-*animus injuriandi* hija rrelevanti ghad-determinazzjoni tal-vertenza odjerna, u forsi kien ghalhekk li l-ewwel Qorti anqas biss irriferiet ghal din il-kwistjoni fis-sentenza appellata. Konsegwentement dan l-aggravju qieghed ukoll jigi respint.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------

---

*of any person…"*) ma jirriferux ghal xi intenzjoni specifika jew motiv ulterjuri li jrid ikollu l-awtur tal-kitba, l-editur jew il-persuna responsabbli ghall-pubblikazzjoni, izda jirreferu ghat-<u>tendenza</u> tal-kliem stampat jew tal-kliem imxandar li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni ta'dak li jkun. *"The question is not what the defendant intended, but what reasonable men, knowing the circumstances in which the words were published, would understand to be the meaning. 'Liability for libel does not depend on the intention of the defamer, but on the fact of the defamation'. 'The question is not what the writer of an alleged libel means, but what is the meaning of the words he has used'. 'It is not the defendant's intention, or the meaning in his own mind, that makes the sense of the libel' but 'what was the meaning and inference that would naturally be drawn by reasonable and intelligent persons reading it'."* – **Gatley on Libel and Slander** *op.cit.* para. 89, pp. 45 – 46.